MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 140/1988/2

**Alfred Muscat**

**vs**

**Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali M. Demajo (Graphic Arts) Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Linotype Limited, u Attilio Vassallo Cesareo f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta O. I. Vassallo ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Frar 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur kien talab lis-socjeta estera Linotype Limited sabiex taghmillu tiswijiet fuq il-makna tieghu Linoterm H.S.;

Illi b'negligenza u traskuragni l-imsemmija socjeta' estera damet hafna zm ien iktar milli kien hemm bzonn sabiex ghamlet it-tiswijiet mehtiega, bil-konsegwenza li l-attur sofra danni fix-xoghol tieghu;

Illi fuq talba ta' l-istess socjeta' estera Linotype Limited, l-attur kien iddeposita ghand il-konvenut Attilio Vassallo Cesareo nomine s-somma ta' elf lira Maltija permezz ta' cekk numru F/402521 migbud fuq Bank of Valletta Limited, bhala garanzija ghall-ispejjez tal-imsemmijin tiwsijiet;

Illi l-istess konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine isostni illi l-imsemmija somma ta' elf lira Maltija mhix fid-detenzjoni tieghu peress illi hu kien baghatha lill-imsemmija socjeta' estera Linotype Limited wara li naqqas minnha l-ercentwali dovuta lilu;

Illi l-imsemmija socjeta' estera Linotype Limited cahdet li rceviet l-imsemmija somma ta' elf lira Maltija nieqsa l-percentwali msemmija mill-konvenut Attilio Vassallo Cesareo, jew l-ekwivalenti taghha f'liri sterlini, u awtorizzat lill-attur sabiex jirtira minn ghand il-konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine l-imsemmija somma ta' elf lira Maltija;

Illi mitlub jirrifondi l-imsemmija elf lira Maltija lill-attur, l-istess konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine baqa' inadempjenti;

Illi mitlubin jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur kif fuq spjegat, l-istess konvenuti Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine baqghu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-istess konvenuti Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fix-xoghol tieghu minhabba d-dewmien fit-tiswija tal-makna tal-istess attur;
2. Tikkundanna lill-istess konvenuti Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine jhallsu lill-istess attur is-somma li din l-istess Qorti joghgobha tillikwida bhala danni;

3. Tiddikjara lill-istess konvenuti Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine u Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine, jew min minnhom, debituri jew debitur lejn l-attur ghas-somma ta' elf lira Maltija;

4. Tikkundanna lill-istess konvenuti Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine u Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine, jew min minnhom, ihallsu jew ihallas lill-istess attur l-imsemmija somma ta' elf lira Maltija;

Bl-imghax kummercjali mid-data li din il-Qorti joghgobha tiffissa, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat- 28 t'Awissu, 1986, tas- 16 t'Ottubru, 1986, tal-24 t'Ottubru, 1986, tal-11 ta' Dicembru, 1986, tat-28 ta' Marzu, 1987, tad- 9 t'April, 1987, u tas- 27 ta' Gunju, 1987, u tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju, 1987 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine fejn qal:

1. Illi huwa ma hux u qatt ma kien debitur tal-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat ab observantia bl-ispejjez;

2. Minghajr pregudizzju, illi s-somma li huwa kien ircieva minghand l-attur kellu jhallasha lis-socjeta Linotype Limited, kif fil-fatt ghamel wara li naqqas il-kommissjoni lilu dovuta mill-istess socjeta' estera;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pierre Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine fejn qalu:

1. Preliminarjament l-eccipjenti nomine m’humiex il-legittimi kontradditturi
peress illi s-socjeta M. Demajo (Graphic Arts) Limited ma ghandhiex ir- rappresentanza tad-ditta estera Linotype Limited;

2. Fil-meritu, u bla pregudizzju ghal-premess, l-eccipjenti m’humhiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur u ghar-rifusjoni tas-somma mitluba fic-citazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Awissu 1989 u li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Balzan Demajo u Anthony Miceli Demajo nomine;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Borg bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tad-19 ta' Gunju 1995 fejn ghall-imsemmi perit legali li gie nominat Ministru tal-Gvern gie sostitwit l-Avukat Dottor Ian Spiteri Bailey;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fl-24 ta' Mejju 2000;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mix-xiehda ta' l-attur u dokumenti minnu esibiti jirrizulta s-segwenti:

L-attur kien xtara *typesetter* minghand il-kumpanija Ingliza Linotype Limited. Dan l-apparat kien *second-hand*. Meta kkonkluda n-negozju saqsa lil din is-socjeta` dwar *parts* li seta' wiehed jigi bzonn u rreferewh ghand Messrs O.I. Vassallo, l-agenti f'Malta. Bhall-magna li kien xtara kien hawn f'Malta fl-istamperija tal-Gvern u t-Times of Malta.

F'Settembru 1985 kien hemm *surge* fil-kurrent elettriku u l-magna sofriet hsara fi tliet *printed circuit boards (P.C.B.)*. Huwa mar ghand l-agenti lokali (Messrs O.I. Vassallo) li qalulu li ma kellhomx *technician* u li dejjem kien igib wiehed mill-Ingilterra f'kaz ta' bzonn. Wara kuntatt bit-telefon ma' certu Mr. Sleeman tas-socjeta` Linotype Limited, l-attur baghat hmistax-il *board* (inkluzi it-tlieta bil-hsara) l-Ingilterra fejn kellhom jissewwew fi zmien hmistax-il gurnata mill-konsenja. Kien hemm xi dewmien sakemm il-*boards* waslu ghand il-Linotype f'Wembley izda sussegwentement kellu l-konferma li waslu minn certa Alison McKee, is-segretarja ta' Mr. Sleeman.

L-attur baqa' jcempel lil Ms McKee u xi hmistax wara qabbduh mas-Service Department fejn qalulu li kienu se jibdew jahdmu fuq il-*boards* izda ma setghux ighidu meta kien se jkun lest ix-xoghol. Ghalhekk, wara li kien kellem lid-ditta O. I. Vassallo, sar kuntatt mas-socjeta` estera sabiex sakemm isiru t-tiswijiet jibaghtulu sett *boards* ohra tramite d-ditta O.I. Vassallo. Lejn l-ahhar ta' Novembru 1985 baghtulu sett *boards* pero` nduna li ma kinux l-istess li huwa kien baghat ghat-tiswija u meta ppruvaw ihaddmu l-magna bihom lanqas biss riedet tixghel. Dak il-hin stess cempel lil-Linotype biex ighidilhom x'kien gara u dawn sostnew li l-hsara kienet f'parti ohra tal-magna. L-attur baqa' jsostni li kienet fil-*P.C.B.*. Il-Linotype pproponew li jibaghtu *technician* mill-Ingilterra u li jsir depozitu ta' Lm1,000 mad-ditta Vassallo ghall-ispejjez, liema somma tigi rifuza jekk il-hsara tirrizulta verament fil-*P.C.B.* L-attur accetta l-proposta, hallas id-depozitu permezz ta' cekk fevur il-konvenut Vassallo u li ssarraf, u gie Malta l-inginier Garret Shrimpton fis-6 ta' Jannar 1986. Meta Shrimpton

mar jara l-magna, pogga sett gdid ta' *boards* fil-magna u din hadmet. Meta dahhal is-sett li kienu baghtulu s-Service Department tal-Linotype f'Novembru, irrizultalu li hamsa minnhom kienu difettuzi. L-inginier Shrimpton irrediga rapport u fit-8 ta' Jannar 1986 telaq minn Malta.

Xahar wara l-attur kiteb lil Linotype peress li ppretenda r-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1,000. Wara xi tliet xhur bla risposta, ikkomunika mieghu l-konvenut Pierre Balzan Demajo li nfurmah li kien akkwista l-agenzija tad-ditta Linotype minghand O.I. Vassallo. Ghalkemm bdew trattativi sabiex tkun rizolta din il-pendenza, Pierre Balzan Demajo sostna li ma kienx l-agent fi zmien il-kwistjoni.

Fid-29 ta' Ottubru 1986 il-Linotype nfurmat lill-attur li l-Lm1,000 ma kinux f'idejha u li prezumibilment kienu f'idejn id-ditta O.I. Vassallo. Ghalhekk l-attur mar ghand il-konvenut Attilio Vassallo Cesareo li kkonferma li l-flus kienu ghandhom pero` kien qieghed jippretendi xi *commissions* minghand il-Linotype u kien qieghed jipprova jithallas mill-Lm1,000. L-attur kitiblu biex ihallas l-Lm1,000 izda wiegbu permezz ta' Dr. Grech li l-flus kienu ntbaghtu l-Ingilterra fi Frar 1986 wara li kien naqqas xi *commission* li kien qieghed jippretendi. L-attur kien hallas l-Lm1,000 b'cekk u l-konvenut imsemmi kien jaf bil-ftehim bejn l-attur u l-Linotype dwar id-depoziatu u l-kondizzjonijiet marbuta mieghu. L-attur wera l-ittra ta' Dr. Grech lil Pierre Balzan Demajo li dak il-hin stess cempel lil Linotype li regghu sostnew li ma kinux rcevew l-Lm1,000. Sussegwentement saret seduta bonarja ma' Attilio Vassallo Cesareo li kkonferma verbalment li l-flus kienu ghadhom ghandu izda li jekk idahhluh il-Qorti kien se jghid li baghathom lil Linotype.

L-attur qal li dam minghajr il-magna tahdem mit-23 ta' Settembru 1985 sat-8 ta' Jannar 1986, ossia 98 gurnata tax-xoghol. Dan fisser li ghal dak il-perijodu ma setax jaghmel *typesetting*, li hu x-xoghol baziku fil-preparazzjoni ta' *art work* ghal kull tip ta' stampa *offset*. Huwa spjega li bit-*typesetter* tieghu jista' jipproduci ghaxar faccati "A4" kuljum bil-prezz ta' Lm2 il-wahda, li jfisser telf ta' Lm1,700. Barra minn hekk hallas Lm1,522 ghat-tiswijiet fuq il-

*boards* u Lm36 spejjez tal-lukanda ghat-*technician*; dan oltre l-Lm1,000 ga` msemmija.

L-attur ma eskludiex illi l-konvenut Attilio Vassallo Cesareo kien qallu li kien zamm il-kommissjoni dovuta lilu u baghat il-bilanc mill-Lm1,000 barra minn Malta, izda dan waqt il-laqgha bonarja li saret fl-ufficcju ta' l-Avukat Dr. Albert Grech. Pero` l-Linotype dejjem sostnew li ma kinux ircevew flus.

L-attur ipproduca bhala xhud lil **Saviour Mamo** li kien jahdem bhala *professional electronic engineer* mad-*Deutsche Welle* u li gie nkarigat mill-attur biex jaralu t-*typesetter* meta sfat bil-hsara. Kien hu li qala' l-*boards* biex jintbaghtu l-Ingilterra *by courier*. Meta gew lura l-*boards* u mar biex ipoggihom f'posthom, il-magna baqghet ma hadmitx. Wara ltaqa' ma' l-inginier Ingliz li ttestja l-magna biex jipprova jsib il-*fault*, izda din hadmet biss meta ssostitwixxa l-*boards* kollha b'sett gdid.

**Pierre Balzan Demajo** kkonferma li l-attur kien mar ghandu jilmenta li l-agent ta' qabel ma riedx jirrifondi l-Lm1,000 li kien thallas bhala depozitu. Ix-xhud cempel barra minn Malta izda ma nghata l-ebda informazzjoni peress li qalulu li l-kaz sar qabel ma x-xhud sar l-agent. Qal ukoll li jekk l-attur sofra xi danni, dan kien qabel ma sar agent tal-Linotype u l-attur qatt ma ordna *parts* minn ghandu kemm ilu agent. Spjega wkoll li fl-1988 kienu *distributors* tal-Linotype u mhux agenti u llum is-socjeta` Linotype spiccat u anzi xtraha haddiehor. Qal li s-socjeta` konvenuta llum m'ghadhiex tirrapprezenta lis-socjeta` Linotype Ltd. li waqfet topera f'Ottubru 1997 u li dik is-socjeta` lanqas ma ghadha tezisti u anzi din inxtrat minn Heidelberg A.G., liema informazzjoni waslet dirett minghand l-istess Heidelberg. Jigi rilevat pero` li dwar dan ma ngabet l-ebda prova dokumentarja li tista' tissostanzja dak li qal ix-xhud dwar l-istatus attwali tas-socjeta` Linotype Limited.

Permezz ta' l-eccezzjoni preliminari taghhom, il-konvenuti Pierre Balzan Demajo u Antony Miceli Demajo nomine jghidu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi peress li

ma jirrapprezentawx is-socjeta` estera Linotype Limited. Dan il-punt pero` gie deciz permezz tas-sentenza preliminari moghtija fit-30 ta' Awissu 1989 li permezz taghha din l-eccezzjoni preliminari giet michuda u gie dikjarat li l-imsemmijin konvenuti nomine huma fil-fatt legittimi kontraditturi ta' l-attur f'din il-kawza.

Permezz tan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom jippretendu li l-Qorti tirrevedi l-konkuzjoni raggunta f'dik is-sentenza preliminari. Certament dan mhux il-foro adatt biex jikkontestaw dik il-konkluzjoni, kif ukoll gustament jissottolineja l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Dak li huwa cert pero` hu li din il-kawza ma gietx promossa kontra s-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited f'isimha proprju izda biss "ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Linotype Limited", kif jidher car mill-ewwel pagna tac-citazzjoni. Inoltre min-noti tal-partijiet jidher li jaqblu li r-relazzjonijiet guridici kienu mas-socjeta` estera Linotype Limited u/jew il-konvenut l-iehor Attilio Vassallo Cesareo, li s-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited f'isimha proprju mhijiex responsabbli ghal xi danni u li jekk hemm danni dawn ghandhom iwiegbu ghalihom jew il-Linotype jew Vassallo.

Issa mill-provi suesposti m'hemm l-ebda dubju li s-socjeta` Linotype Limited ghandha titqies responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba dewmien ghat-tiswija tal-magna tieghu. Difatti jirrizulta mhux kontradett li kien hemm dewmien biex beda x-xoghol fuq il-*boards* li huwa stess baghtilhom ghat-tiswija, fost ir-*replacement boards* li baghtulu kien hemm minnhom mhux tajbin, u kien biss meta sarlu sett gdid li hadmitlu l-magna.

Il-perit legali llikwida d-danni fis-somma ta' Lm3,258: kwantu ghal Lm1,700 telf ta' xoghol, Lm1,522 spejjez fuq il-*boards* u Lm36 spejjez tal-lukanda ghall-inginier Ingliz. Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni dwar dawn id-danni u qed tigi akkolta s-somma hekk likwidata.

Dwar is-somma ta' Lm1,000 li l-attur kien hallas lil Attilio Vassallo Cesareo, hawn ukoll il-Qorti taqbel li din is-somma ghandha tithallas lura lill-attur u li ghandha

tithallas minn Attilio Vassallo Cesareo u mhux mis-socjeta` konvenuta nomine. L-ewwelnett jirrizulta li l-inginier Ingliz gie Malta fuq insistenza tas-socjeta` estera peress li din kienet qed issostni li l-hsara ma kinitx fil-*boards* u barra minn hekk, skond kif xehed l-attur u mhux kontradett, il-ftehim li ntlahaq kien li din is-somma tigi rifuza jekk il-hsara tirrizulta verament li kienet fil-P.C.B. Dwar min ghandu jhallas is-somma ta' Lm1,000 il-perit legali jghid li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni s-segwenti rizultanzi:

- Illi c-cekk ta' Lm1000 inhareg u kien imsarraf minn O.I.Vassallo;
- Illi mhux is-somma kollha ta' Lm1000 ghaddiet ghand is-socjeta` estera, li fil-kors ta' din il-kawza uma rapprezentati mill-konvenuti l-ohra Balzan Demajo u Miceli Demajo, izda biss parti minnha peress illi O.I. Vassallo zamm parti minnha kif dehrlu hu li tirrapprezenta sehmu bhala kommissjoni fuq xoghol iehor mhux relatat mas-socjeta` estera;
- Illi problema bhal din ta' kommissjoni bejn O.I. Vassallo u s-socjeta` estera ma kellhiex tkun problema li jehel biha l-attur;
- Illi l-kwistjoni tal-hlas tal-kommissjoni kellha tkun rizolta indipendentement mill-kwistjoni mertu tal-kawza, u lanqas ma ghandhom jehlu biha l-konvenuti l-ohra Balzan Demajo u Miceli Demajo, stante illi si tratta ta' kwistjoni purament bejn il-principal u l-agent tieghu (anke jekk ta' dak iz-zmien).

Ghalhekk in kwantu jirrigwarda din is-somma ta' Lm1000, ghandu jirrifondi l-istess somma l-konvenut Attilio Vassallo Cesareo kif imharrek. Ghal kull bwon fini jigi osservat li dan il-konvenut la xehed u lanqas ressaq provi f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta M. Demajo (Graphic Arts) Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Linotype Limited unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fix-xoghol tieghu minhabba d-dewmien fit-tiswija tal-magna ta' l-istess attur,
(2) tikkundanna lis-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited nomine thallas lill-attur is-somma likwidata ta' tlett elef mitejn u tmienja u hamsin liri Maltin (Lm3,258) bhala danni bl-imghax millum,
(3) tiddikjara lill-konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine debitur lejn l-attur ghas-somma ta' elf liri Maltin (Lm1,000),
(4) tikkundanna lill-istess Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine jhallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf liri Maltin (Lm1,000) bl-imghax mit-8 ta' Jannar 1986 (id-data li fiha ssewwiet il-magna).

Bl-ispejjez dwar l-ewwel zewg talbiet kontra s-socjeta` M. Demajo (Graphic Arts) Limited nomine u dawk dwar it-tielet u r-raba' talba kontra l-konvenut Attilio Vassallo Cesareo proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------